

**Talba għal Opinjoni Konsultattiva mill-Qorti tal-EFTA minn Verwaltungsgerichtshof des Fürstentums Liechtenstein bid-data tas-26 ta' Settembru 2022 fil-Kawża ta' Maximilian Maier**

**(Il-Kawża E-12/22)**

(2023/C 49/06)

Permezz ta' talba lill-Qorti tal-EFTA, bid-data tas-26 ta' Settembru 2022, minn Verwaltungsgerichtshof des Fürstentums Liechtenstein (il-Qorti Amministrattiva tal-Prinċipat ta' Liechtenstein), li waslet fir-Reġistru tal-Qorti fit-30 ta' Settembru 2022, għal Opinjoni Konsultattiva fil-Kawża ta' Maximilian Maier, dwar il-mistoqsija li ġejja:

Hija kompatibbli mad-Direttiva 98/5/KE, dispożizzjoni nazzjonali, li ttiprovdi li avukat, li normalment jeżerċita l-professjoni tiegħu fi Stat Membru differenti minn dak li fih kiseb il-kwalifika tiegħu, ma huwiex awtorizzat li jinħatar bħala avukat tal-għajnuna legali, avukat fil-qasam tal-għajnuna legali jew difensur pubbliku <sup>(1)</sup>?

---

(<sup>1</sup>) ĠUL 77, 14.3.1998, p. 36.